Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 2577/2002

**Anthony Baldacchino**

**vs**

**Marthese Scicluna**

**It-Tribunal**

Wara li t-talba ghall-kundanna tal- konvenuta ghall- hlas ta'
(Lm 1,107.00c) elf u mija u sebgha lira Maltin jew somma ohra verjuri rappresentanti import ta' seba (7) kambjali accettati u ffirmati, liema kambjali gew endorsed favur l-attur kif jirrizulta mill-annessa skrittura (Dok. AB 1) u liema kambjali mensili mmaturaw mis-27 ta' April, 2002 sas-27 ta' Ottubru, 2002 u dan oltre zewg (2) pagamenti ohra li gew effettwati mill-attur ghan-nom tal-istess konvenuta, ghax-xhur 30 ta' Novembru 2001 u 18 ta' Dicembru, 2001 (Dok AB2, AB3).

Bl-ispejjes inkluz tal-ittra interpellatorja datata 4 ta' Awissu 2002, bl-imghax legali kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn iddikjarat li t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur diga' thallas l-ammonti kollha lilu dovuti ghab-bazi ta' ftehim ta' tpartit li ntlahaq wara l-ffirmar tal-kambjali msemmija.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Ra n-nota ta' ammisjoni pprezentata seduta stante li biha l-konvenuta ammettiet t-talba.

Jiddeciedi billi jilqa t-talbiet ghall-ispejjes u l-interessi kif mitluba.

--------------------------------TMIEM--------------------------------